Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Novembru 2026**
**(OR. en)**

**15545/26**

**COHAFA 92**
**ALIM 13**
**FIN 1586**
**COJUR 60**
**DEVGEN 183**
**GENDER 168**
**CONUN 215**
**SUSTDEV 94**
**RELEX 1483**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Id-difiża tal-valuri, l-ixprunar tar-riforma, it-twettiq tal-impatt: l-azzjoni umanitarja tal-UE f'ordni globali li qed tinbidel"<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Novembru 2026) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Id-difiża tal-valuri, l-ixprunar tar-riforma, it-twettiq tal-impatt: l-azzjoni umanitarja tal-UE f'ordni globali li qed tinbidel", kif approvati fl-4206 laqgħa tal-Kunsill fid-9 ta' Novembru 2026.

**ANNESS**

# KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL "ID-DIFIŻA TAL-VALURI, L-IXPRUNAR TAR-RIFORMA, IT-TWETTIQ TAL-IMPATT: L-AZZJONI UMANITARJA TAL-UE F'ORDNI GLOBALI LI QED TINBIDEL"

1. Il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta l-ġdida tal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar l-azzjoni umanitarja tal-UE f'ordni globali li qed tinbidel[1], strutturata fuq tliet Pilastri: 1) Ipproteġi, 2) Wettaq, u 3) Issieħeb; u jieħu nota tad-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjawha[2]. Il-Kunsill jesprimi tħassib dwar l-għadd, id-durata u l-kumplessità dejjem akbar ta' kriżijiet umanitarji f'dawn l-aħħar snin li rriżultaw f'mijiet ta' miljuni ta' persuni fil-bżonn ta' assistenza umanitarja.

2. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja[3] u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja[4]. Fi żmien meta x-xenarju tal-finanzjament umanitarju globali għadu taħt pressjoni qawwija, u l-assistenza umanitarja hija dejjem aktar politiċizzata, il-Kunsill jilqa' l-ambizzjoni tal-Unjoni Ewropea li tibqa' donatur affidabbli u prevedibbli. L-UE u l-Istati Membri tagħha, bħala d-donatur umanitarju ewlieni fid-dinja, jibqgħu impenjati b'mod riżolut biex jiddefendu d-Dritt Umanitarju Internazzjonali u biex jipprovdu assistenza umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet u ċċentrata fuq in-nies, mirfuda mill-prinċipji fundamentali tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza; u biex jiġu salvati l-ħajjiet, jiġu protetti l-persuni affettwati mill-kriżi u tiġi ppreservata d-dinjità tal-bniedem fl-aktar kriżijiet severi.

---

1 9828/26
2 9828/26 ADD1, 9828/26 ADD 2, 9828/26 ADD 3
3 ĠU C 25, 30.1.2008, p. 1.
4 ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1.

3. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali u nazzjonali, flimkien mal-organizzazzjonijiet nongovernattivi internazzjonali u nazzjonali u l-atturi umanitarji lokali, fil-koordinazzjoni, it-twassil u s-sostenn ta' assistenza umanitarja effettiva fil-kuntesti tagħhom stess billi jisfruttaw l-għarfien lokali, irawmu l-kollaborazzjoni, u jiżguraw li l-għajnuna tasal għand il-komunitajiet affettwati b'mod effiċjenti u ekwu.

4. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza r-rwol essenzjali ta' koordinazzjoni u implimentazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rispons għall-kriżijiet umanitarji[5] u jitfa' dawl fuq il-Ħarsa Ġenerali Umanitarja Globali bħala referenza komuni għat-teħid ta' deċiżjonijiet umanitarji bbażati fuq il-ħtiġijiet mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għall-implimentazzjoni u t-twettiq f'waqthom u inklużivi tar-Risettjar Umanitarju, u l-proċessi ta' riforma ta' UN80 u Grand Bargain, bħala l-bażi għal sistema umanitarja aktar effettiva, reżiljenti u responsabbli.

5. Dwar il-Pilastru "Ipproteġi", il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni li jiġu sfruttati bis-sħiħ l-istrumenti umanitarji, politiċi, ekonomiċi, ta' sigurtà u dawk diplomatiċi tal-UE biex jgħinu fil-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u r-rispons għall-kriżijiet umanitarji, filwaqt li jinżamm approċċ ibbażat fuq il-prinċipji. Il-Kunsill japprova l-enfasi qawwija fuq approċċ ta' Tim Ewropa fit-tisħiħ tad-diplomazija umanitarja kkoordinata mmexxija mill-UE b'appoġġ għall-isforzi umanitarji multilaterali. L-approċċ ta' Tim Ewropa għandu jibbaża fuq il-punti b'saħħithom rispettivi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha u jiġi implimentat permezz ta' aktar koordinazzjoni mar-Rappreżentanti Speċjali tal-UE, mal-mibgħuta speċjali u l-kapijiet tal-missjoni tal-UE, u fejn xieraq permezz tal-ħatra ta' punti fokali tad-diplomazija umanitarja.

[5] 8966/21

6. Il-Kunsill ifakkar fl-obbligu li jiġi rrispettat u żgurat ir-rispett tad-dritt umanitarju internazzjonali fiċ-ċirkostanzi kollha[6]. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-promozzjoni tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali titqiegħed fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-UE[7]. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jafferma mill-ġdid li d-diplomazija umanitarja tal-UE għandha rwol kritiku fil-protezzjoni tal-ispazju umanitarju, inkluż billi tippromwovi aċċess umanitarju sħiħ, sikur, rapidu u mingħajr xkiel, u tippromwovi l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili kollha, inkluż il-persunal umanitarju u mediku. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-ħidma tal-Inizjattiva Globali biex jiġi Galvanizzat l-Impenn Politiku għad-dritt umanitarju internazzjonali[8].

7. Il-Kunsill jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda allarmanti u sistemika fil-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u n-normalizzazzjoni dejjem akbar tiegħu u jfakkar fil-ħtieġa li l-protezzjoni titqiegħed fiċ-ċentru tal-azzjoni umanitarja, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2024 dwar il-protezzjoni f'kuntesti umanitarji[9]. L-UE tinsab allarmata bl-użu indiskriminat ta' armi splussivi f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni, inkluż droni u sistemi tal-armi awtonomi u l-impatt ta' tali użu fuq il-popolazzjoni ċivili u oġġetti ċivili. Il-Kunsill itenni li l-partijiet kollha fil-kunflitti armati jridu jieħdu l-miżuri ta' prekawzjoni kollha meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u tal-oġġetti ċivili matul il-kunflitt; ikollhom l-obbligu primarju li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni taħt il-kontroll tagħhom; u l-Istati u l-partijiet kollha f'kunflitti armati jridu jirrispettaw l-obbligu tagħhom li jippermettu u jiffaċilitaw il-passaġġ rapidu, sigur u bla xkiel għall-assistenza umanitarja. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-isfidi ppreżentati mid-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni biex idgħajfu r-rispett lejn id-dritt umanitarju internazzjonali u jżidu r-riskji għall-persunal umanitarju u mediku.

---

6 14487/19, kif stabbilit fl-Artikolu 1 komuni tal-erba' Konvenzjonijiet ta' Ġinevra

7 Kif espress fil-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali 04_hr_guidelines_humanitarian_en_0.pdf

8 https://www.icrc.org/en/global-initiative-international-humanitarian-law

9 9736/24

8. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ fil-ġlieda kontra l-impunità għall-aktar delitti internazzjonali serji u tfakkar li, f'konformità mal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra, l-Istati kollha għandhom l-obbligu li jinvestigaw, u jekk xieraq, iħarrku jew jestradixxu s-suspettati ta' ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali. Il-Kunsill itenni l-appoġġ sod tiegħu għall-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) għar-rwol kruċjali tagħha fil-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti l-aktar serji li huma ta' tħassib għall-komunità internazzjonali kollha kemm hi. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati internazzjonali u jenfasizza l-importanza li ssir ġustizzja mal-vittmi kollha.

9. Il-Kunsill jibqa' impenjat li jtejjeb is-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal umanitarju u jilqa' l-isforzi msaħħa deskritti fil-Komunikazzjoni, inkluż l-istabbiliment permanenti tal-mekkaniżmu Protect Aid Workers. Il-Kunsill ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw id-Dikjarazzjoni għall-Protezzjoni tal-Persunal Umanitarju[7].

10. Il-Kunsill jenfasizza l-impenn tiegħu li juża l-assistenza umanitarja tal-UE biex jindirizza aħjar il-ħtiġijiet tal-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, u dawk l-aktar f'riskju ta' diskriminazzjoni, inkluż forom multipli u intersezzjonali. Il-Kunsill jirrikonoxxi li t-tfal, inkluż dawk b'vulnerabbiltajiet addizzjonali, huma affettwati b'mod sproporzjonat u jiffaċċjaw riskji ta' protezzjoni partikolarment severi matul il-kriżijiet. Il-Kunsill ifakkar fil-Linji Gwida tal-UE dwar it-Tfal u l-Kunflitt Armat[10] bħala l-qafas ta' politika tal-UE dwar il-protezzjoni tat-tfal affettwati mill-kunflitt. Il-Kunsill jinnota wkoll il-vulnerabbiltajiet speċifiċi li għandhom il-persuni b'diżabbiltà, u l-ostakli li jiffaċċjaw fl-aċċess għall-għajnuna umanitarja, filwaqt li jissottolinja l-parteċipazzjoni sinifikattiva tagħhom fiċ-ċiklu kollu tal-programm umanitarju. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-appoġġ għas-saħħa mentali u psikosoċjali (MHPSS) jeħtieġ li jkunu komponent integrali tal-attivitajiet ta' tħejjija, rispons u rkupru, fis-setturi kollha.

[10] Linji Gwida tas-SEAE u l-UE dwar it-tfal affettwati mill-kunflitti armati.pdf

11. Il-Kunsill jesprimi allarm għaż-żieda f'każijiet ivverifikati ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż vjolenza sesswali b'rabta mal-kunflitt, bin-nisa u l-bniet affettwati b'mod sproporzjonat. Il-Kunsill ifakkar li l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż il-vjolenza sesswali b'rabta mal-kunflitt, tista' tikkostitwixxi delitti tal-gwerra jew delitti kontra l-umanità skont id-dritt internazzjonali. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jappoġġa l-isforzi għall-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u r-rispons għall-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż permezz tal-ħidma tal-Appell għal Azzjoni dwar il-Protezzjoni mill-Vjolenza Sessista f'Emerġenzi[11]. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex jaħdmu b'mod attiv biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jissodisfaw il-ħtiġijiet għall-protezzjoni tan-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien kollha billi jimplimentaw approċċi flessibbli, adattivi, reattivi għall-kunflitt u l-kwistjonijiet ta' ġeneru f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà[12] u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà[13] u jieħu nota tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi III tal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli[14].

12. L-UE għadha impenjata għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u għall-implimentazzjoni sħiħa u effikaċi tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u għadha impenjata għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.

---

11 Appell għal Azzjoni - Protezzjoni mill-Vjolenza Sessista f'Emerġenzi | Ingħaqad fil-Ġlieda kontra l-Vjolenza Abbażi ta' Sess

12 11031/19

13 14716/22 u 15086/18

14 13343/20

13. Il-Kunsill jikkundanna bil-qawwa l-użu tat-tbatija tal-ġuħ bħala metodu ta' gwerra u jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jindirizza l-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tingħata assistenza alimentari li ssalva l-ħajjiet, flimkien ma' aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb, biex jiġi appoġġat il-funzjonament tas-sistemi u s-swieq tal-ikel lokali fejn fattibbli, biex b'hekk jingħata kontribut biex il-komunitajiet jiġu megħjuna jibnu r-reżiljenza u jkunu jifilħu aħjar għal xokkijiet futuri.

14. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu li jtaffi kemm jista' kwalunkwe impatt negattiv potenzjali mhux intenzjonat tal-miżuri restrittivi tal-UE fuq azzjoni umanitarja bbażata fuq il-prinċipji. Huwa jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata l-inklużjoni konsistenti ta' eżenzjonijiet umanitarji fir-reġimi ta' miżuri restrittivi tal-UE, u li jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ qafas effettiv għall-użu ta' tali eżenzjonijiet minn organizzazzjonijiet umanitarji. Il-Kunsill ser ikompli jikkunsidra l-inklużjoni ta' ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali bħala raġuni għall-elenkar fir-reġimi awtonomi ta' sanzjonijiet tal-UE.

15. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-komplementarjetà tal-atturi umanitarji biex tittejjeb l-effettività tar-reazzjonijiet umanitarji. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol kritiku tal-organizzazzjonijiet nongovernattivi internazzjonali u nazzjonali u tal-atturi umanitarji lokali bħala atturi tal-ewwel linja u sħab umanitarji, speċjalment f'żoni li diffiċili jintlaħqu. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fl-impenji tal-Grand Bargain, speċjalment dawk dwar il-lokalizzazzjoni u l-finanzjament flessibbli. Il-Kunsill jenfasizza li l-komunitajiet lokali u l-NGOs nazzjonali huma wħud mill-aktar atturi effettivi biex jixprunaw l-isforzi ta' rispons u rkupru u għandhom ikunu minn ta' quddiem fid-deċiżjonijiet u l-proċessi li jaffettwawhom. Il-Kunsill jappoġġa l-impenn li tingħata s-setgħa lill-komunitajiet lokali u lill-atturi lokali u jenfasizza li dan għandu jissarraf f'oqfsa ta' Responsabbiltà għall-Persuni Affettwati (AAP). Il-Kunsill japprova l-Pjan Direzzjonali l-ġdid tal-Kummissjoni għal-Lokalizzazzjoni, inkluż l-għoti ta' 25% tal-finanzjament umanitarju tal-UE sal-2027 bl-aktar mod dirett possibbli lill-atturi lokali u nazzjonali, inkluż organizzazzjonijiet immexxija min-nisa u mir-refuġjati u organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà, u jappoġġa l-isforzi għal strutturi ta' koordinazzjoni aktar lokalizzati u bbażati fuq iż-żona inkluż organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-gvern lokali.

16. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol uniku tal-Moviment Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, bħala pilastru ewlieni tas-sistema umanitarja globali u jinkoraġġixxi kooperazzjoni kontinwa bejn l-UE, il-Moviment u sħab umanitarji oħra biex jissaħħaħ rispons umanitarju kkoordinat, effettiv u mmexxi lokalment.

17. Bl-istess mod, il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza li ssir ħidma mal-gvernijiet ospitanti fejn possibbli u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipji umanitarji, inkluż f'pajjiżi li qed jiffaċċjaw spostament fit-tul. Il-Kunsill jissottolinja li sħubijiet ugwali b'appoġġ adegwat huma l-bażi għat-tranżizzjoni minn sistemi umanitarji paralleli għal aċċess inklużiv u sostenibbli għas-servizzi soċjali nazzjonali u opportunitajiet għal awtodipendenza u soluzzjonijiet dejjiema. Dawn huma elementi vitali biex jittejjeb l-aċċess għal drittijiet soċjali, ekonomiċi u legali bażiċi u fl-iżgurar ta' għajnuna effettiva.

18. Dwar il-Pilastru "Wettaq", il-Kunsill jirrikonoxxi l-ktajjen tal-provvista umanitarja bħala faċilitaturi strateġiċi tal-azzjoni umanitarja, speċjalment fejn is-swieq lokali jew il-konsenja ta' flus kontanti ma baqgħux jiffunzjonaw. Il-Kunsill jilqa' l-Grupp ta' Tmexxija Umanitarja dwar il-Katina tal-Provvista (HLGSC) u inizjattivi relatati oħra li jippromwovu mudell tal-katina tal-provvista li jkun aktar kollaborattiv, immexxi lokalment, reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru u ambjentalment sostenibbli[15]. F'ambjent ta' finanzjament ristrett, il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li titnaqqas id-duplikazzjoni u jiġu massimizzati l-kosteffettività u l-kooperazzjoni, mill-akkwist sal-konsenja tal-aħħar mil. Dan jirrikjedi użu aktar frekwenti tal-akkwist konġunt, tar-riżorsi loġistiċi miġbura flimkien, tal-kondiviżjoni tad-data u tas-sistemi interoperabbli, filwaqt li jsir użu akbar miċ-ċentri umanitarji u mill-kapaċitajiet loġistiċi eżistenti.

[15] F'konformità mal-prinċipji tad-Dikjarazzjoni tad-donaturi tal-għajnuna umanitarja dwar il-klima u l-ambjent - Protezzjoni Ċivili u Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej.

19. Mudell ġdid għandu jipprijoritizza l-akkwist lokali, il-preparatezza u l-azzjoni antiċipatorja, filwaqt li jiżgura li l-atturi jkollhom stokkijiet prepożizzjonati, ftehimiet ta' servizzi fit-tul, u protokolli ta' koordinazzjoni qabel ma jseħħu l-kriżijiet. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex javvanzaw l-armonizzazzjoni tad-donaturi dwar ir-rekwiżiti ta' konformità, kif ukoll il-finanzjament għal inizjattivi speċifiċi ta' riforma tal-katina tal-provvista. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex isegwu operazzjonijiet konġunti fejn fattibbli.

20. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-importanza tad-diġitalizzazzjoni, il-ġbir u l-kondiviżjoni affidabbli u diżaggregati tad-data u s-sistemi interoperabbli fis-sistema umanitarja kollha biex jissaħħu l-effettività, l-effiċjenza u r-responsabbiltà tal-azzjoni umanitarja. Il-Kunsill jissottolinja li s-soluzzjonijiet diġitali għandhom jiġu żviluppati u implimentati b'mod responsabbli, inklużiv u ċċentrat fuq il-bniedem, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-protezzjoni tad-data u l-governanza responsabbli tad-data.

21. Il-Kunsill jilqa' l-proposta biex jiżdiedu l-modalitajiet trasformattivi, inkluż billi jiżdied is-sehem ta' finanzjament pluriennali, allokat b'mod ħafif u mhux allokat u tiġi ssimplifikata aktar il-ġestjoni tal-għotjiet, u jistieden lill-Istati Membri tal-UE jagħtu prijorità lill-finanzjament ta' kwalità. Il-Kunsill jilqa' b'mod partikolari l-proposti biex jiżdied il-finanzjament umanitarju permezz tal-firxa sħiħa ta' fondi miġbura flimkien, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-finanzjament ewlieni, u japprova l-promozzjoni ta' approċċ ta' Tim Ewropa. Il-Kunsill jenfasizza li ż-żieda fil-fondi miġbura għandha tkun akkumpanjata minn mekkaniżmi proporzjonati ta' governanza, trasparenza u responsabbiltà u aktar sforzi biex ir-riskji jiġu kondiviżi b'mod aktar ekwu, filwaqt li jiġi żgurat li l-finanzjament jilħaq b'mod effettiv l-atturi fl-aħjar pożizzjoni, inkluż dawk li joperaw f'żoni li diffiċili jintlaħqu. Il-Kunsill jikkonferma mill-ġdid li assistenza fi flus kontanti bi skopijiet multipli tista' ttejjeb firxa ta' eżiti umanitarji filwaqt li tappoġġa l-ekonomiji lokali u ssaħħaħ ir-reżiljenza, u tista' tikkontribwixxi għal rispons umanitarju aktar effettiv, kosteffiċjenti u ċċentrat fuq in-nies. L-assistenza bbażata fuq flus kontanti għandha tkun il-modalità ta' rispons ippreferuta meta possibbli u rilevanti. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex jarmonizzaw ir-rekwiżiti u l-proċeduri tad-donaturi, b'mod partikolari fir-rigward tad-diliġenza dovuta, il-konformità, l-awditjar u r-rappurtar, u biex isaħħu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, bil-ħsieb li titnaqqas id-duplikazzjoni.

22. Dwar il-Pilastru "Issieħeb", filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza fil-pajjiżi sħab permezz tal-azzjoni esterna tal-UE[16], u f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ koerenti għall-fraġilità, strumenti ta' azzjoni esterna tal-UE u l-eżiti tal-iżvilupp sostenibbli[17], il-Kunsill jilqa' l-viżjoni li għadha kif ġiet elaborata għal approċċ integrat tal-UE għall-fraġilità. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' approċċi integrati, speċifiċi għall-kuntest, ibbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, sensittivi għall-kunflitti u reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru li jindirizzaw il-fraġilità, isaħħu r-reżiljenza u jappoġġaw il-paċi u l-iżvilupp sostenibbli. L-approċċ integrat għall-fraġilità jrid jinkorpora involviment imsaħħaħ u sistematiku mas-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet immexxija min-nisa u tad-drittijiet tan-nisa, żgħażagħ u organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità, filwaqt li jinżamm ukoll, kemm jista' jkun, djalogu mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-Kunsill itenni wkoll l-importanza li jissaħħu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali u li jiġi żgurat aċċess ekwu għas-servizzi bażiċi bħala faċilitaturi ewlenin tar-reżiljenza, il-koeżjoni soċjali u l-istabbiltà fit-tul.

23. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tiġi prijoritizzata u msaħħa l-koordinazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni u li jkun hemm sħubija mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Bank Dinji u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra, fejn xieraq. Il-Kunsill jenfasizza Tim Ewropa bħala pjattaforma siewja għall-koordinazzjoni politika, l-analiżi kondiviża, il-pożizzjonament kollettiv u l-implimentazzjoni konġunta fost l-atturi tal-UE, b'mod partikolari f'kuntesti fraġli.

24. Filwaqt li jinnota li l-implimentazzjoni effettiva tar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi (HDP) teħtieġ riforma multilaterali u sistema ta' Koordinatur Residenti tan-NU/Koordinatur Umanitarju msaħħa, il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-UE tinsab lesta li tikkollabora mas-sħab biex tmexxi 'l quddiem ir-riforma tan-NU, lejn sistema tan-NU aktar effettiva, kosteffiċjenti u reattiva, li tkun kapaċi twettaq b'mod effettiv it-tliet pilastri tar-rabta tal-HDP permezz ta' approċċi koerenti mfassla għall-kuntesti lokali.

---

16 11777/25

17 9285/26

25. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' ħidma bla heda f'kuntesti ta' fraġilità kbira u estrema, speċjalment f'sitwazzjonijiet affettwati minn kriżijiet fit-tul jew mhux indirizzati biżżejjed u f'ambjenti politikament kumplessi, inkluż żoni kkontrollati minn gruppi armati mhux statali, permezz ta' approċċi flessibbli, adattivi u sensittivi għall-kunflitti ggwidati mill-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara".

26. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ koerenti għall-fraġilità[18] u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Global Gateway[19], il-Kunsill itenni l-potenzjal f'ambjenti fraġli tal-Global Gateway, l-istrateġija ta' investiment globali tal-UE, biex jiġu mobilizzati r-riżorsi pubbliċi u privati biex jitnaqqas id-distakk fl-investiment globali fis-setturi diġitali, tal-klima u tal-enerġija, tat-trasport, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka. Dan għandu jikkomplementa b'mod xieraq l-approċċi u l-għodod iddedikati l-oħra għal ambjenti fraġli, permezz ta' approċċ komprensiv ta' 360 grad, li jikkombina l-infrastruttura trasformattiva ma' riformi ta' ambjent favorevoli; Għandu jirrifletti l-importanza li jitrawmu sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku li jikkontribwixxu kemm għall-iżvilupp sostenibbli kif ukoll għar-reżiljenza tal-pajjiżi sħab, inkluż f'kuntesti fraġli u tal-pajjiżi l-anqas żviluppati, kif ukoll għall-interessi strateġiċi tal-Unjoni.

27. Il-Kunsill itenni li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali qed jixprunaw dejjem aktar il-ħtieġa umanitarja, u jikkawżaw l-ispostament, l-insigurtà tal-ikel, il-malnutrizzjoni, l-iskarsezza tal-ilma, infrastruttura u reżiljenza mdgħajfa, u l-kollass tal-għajxien. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE li tappoġġa azzjoni umanitarja aktar intenzjonata, li tħares 'il quddiem, infurmata dwar ir-riskju, u intelliġenti fil-livell klimatiku u jappella għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni tad-Donaturi tal-Għajnuna Umanitarja dwar il-Klima u l-Ambjent. Jissottolinja l-importanza ta' approċċi li jappoġġaw lill-komunitajiet vulnerabbli biex jieħdu azzjoni antiċipatorja biex jadattaw għax-xokkijiet klimatiċi u ambjentali fuq terminu qasir sa medju u inizjattivi mmirati li jistabbilixxu l-pedamenti għal reżiljenza aktar fit-tul.

---

18 9285/26

19 10349/26

28. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri fl-azzjoni esterna tal-UE[20], u d-dokument ta' eżitu tal-caucus tal-Grand Bargain dwar it-Tisħiħ tal-Azzjoni Antiċipatorja, il-Kunsill jilqa' l-bidla minn rispons reattiv għall-kriżijiet għal azzjoni bikrija u antiċipatorja aktar proattiva, infurmata dwar ir-riskju, u jappella għal impenn sod għal appoġġ tal-UE msaħħaħ, dedikat u sostenibbli, inkluż għal oqfsa ta' azzjoni antiċipatorja. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-potenzjal ta' finanzjament tar-riskju innovattiv bħala metodu wieħed bħal dan, li jenfasizza l-ħtieġa għal oqfsa ta' Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri lokali u reġjonali kkoordinati u sjieda msaħħa tal-gvern, permezz ta' kooperazzjoni umanitarja u tal-protezzjoni ċivili. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex jippromwovu armonizzazzjoni akbar tal-approċċi u l-oqfsa ta' finanzjament għal azzjoni antiċipatorja, filwaqt li jibnu fuq mekkaniżmi ta' koordinazzjoni eżistenti.

29. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza li jiġi żgurat li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tal-UE tkun diretta b'mod adegwat u trasparenti lejn kuntesti fraġli u affettwati minn kunflitti, u li jiġi salvagwardat il-progress lejn il-mira kollettiva tal-UE tal-ODA għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tad-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju[21] u l-impenn li jiġi pprovdut mill-inqas 0.7 % tal-ING kollettiv bħala ODA sal-2030, u li jiġi żgurat li sehem xieraq, pereżempju 10 % tal-ODA, ikun iddedikat għall-azzjoni umanitarja, abbażi tal-ħtieġa umanitarja eżistenti.

30. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-involviment ma' firxa ta' atturi f'ambjenti umanitarji biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet umanitarji b'mod aktar komprensiv, jiġu sfruttati approċċi differenti, u biex jitnaqqas id-distakk fil-finanzjament umanitarju. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' bis-sħiħ l-ambizzjoni li jiġu mobilizzati riżorsi addizzjonali biex jikkomplementaw l-ODA tal-UE u l-Istati Membri tagħha u li jaħdmu aktar mill-qrib fi sħubija mas-settur privat, l-organizzazzjonijiet filantropiċi u l-istituzzjonijiet finanzjarji b'mod responsabbli, responsabbli u trasparenti u f'konformità mal-prinċipji umanitarji.

---

20 14463/22

21 9598/23

31. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli:

– Jippreżentaw pjan direzzjonali konkret għall-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta lill-Kunsill sa Novembru 2026, inkluż dwar l-inizjattivi, l-impenji u l-isforzi ewlenin għall-promozzjoni tal-koordinazzjoni ta' Tim Ewropa, u jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta fuq bażi annwali; dan għandu jinkludi, fost l-oħrajn, enfasi fuq l-iżvilupp ta' approċċ strateġiku u koerenti għad-diplomazija umanitarja, ir-rapportar tal-progress lejn l-objettiv li mill-inqas żewġ terzi tal-finanzjament umanitarju jiġi dirett permezz ta' modalitajiet trasformattivi, u fl-avvanz tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Tmexxija Umanitarja dwar il-Katina tal-Provvista u l-promozzjoni tar-riformi li għaddejjin sabiex il-katina tal-provvista umanitarja tissodisfa b'mod effettiv il-ħtiġijiet umanitarji;

– Jirrapportaw regolarment lill-Kunsill dwar messaġġi sabiex jiġu integrati b'mod sistematiku l-prijoritajiet tad-diplomazija umanitarja, inkluż il-konformità u r-responsabbiltà tad-dritt umanitarju internazzjonali, il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili kollha, inkluż il-persunal umanitarju u mediku u l-aċċess umanitarju fid-djalogu bilaterali, politiku, ta' sigurtà u ekonomiku tal-UE ma' pajjiżi terzi;

– Isaħħu l-koordinazzjoni bejn il-fergħat kollha tal-Komunikazzjoni Konġunta fost l-istituzzjonijiet tal-UE u l-atturi istituzzjonali, l-Istati Membri tal-UE u sħab umanitarji rilevanti oħra, inkluż permezz tal-oqfsa ta' fraġilità f'kuntesti estremament fraġli; jippromwovu l-isforzi ta' Tim Ewropa fid-dimensjonijiet differenti kollha, inkluż il-koordinazzjoni tal-politika, il-messaġġi konġunti, u l-ippjanar effettiv u l-allinjament operazzjonali;

– Joperazzjonalizzaw l-Approċċ Integrat tal-UE għall-Fraġilità, inkluż permezz ta' approċċi tar-rabta bejn l-HDP, u jirrapportaw lill-Kunsill dwar il-progress miksub meta rilevanti;

– Jisfruttaw bis-sħiħ ir-rabta bejn l-HDP, inkluż f'kuntesti fi tranżizzjoni u dawk mhux koperti permezz ta' pjanijiet ta' rispons umanitarju iperprijoritizzati, biex jindirizzaw l-ixprunaturi sottostanti tal-fraġilità u l-kriżijiet fit-tul u multidimensjonali u biex jippromwovu t-tiswir tal-paċi u l-proċessi ta' medjazzjoni għall-paċi, filwaqt li jissalvagwardaw ir-rispons umanitarju bbażat fuq il-prinċipji;

– Jużaw l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħhom, inkluż il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-involviment diplomatiku, it-tiswir tal-paċi, il-medjazzjoni, l-involviment tas-settur tas-sigurtà u l-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE biex jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-fraġilità u jsaħħu l-appoġġ tagħhom għat-tiswir tal-paċi, il-medjazzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti.

32. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni:

– Tirrapporta regolarment lill-Kunsill dwar id-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju, in-nuqqasijiet fil-finanzjament għall-kriżijiet l-aktar sottofinanzjati jew severi, u r-restrizzjonijiet tal-aċċess;

– Tkompli tpoġġi lil Tim Ewropa bħala sostenitur aktar b'saħħtu tas-sistema umanitarja permezz tar-Risettjar Umanitarju bħala parti mill-aġenda usa' tan-NU80 u ta' riforma, f'kooperazzjoni mal-aġenziji rilevanti tan-NU u s-sħab tal-NGOs b'enfasi fuq aktar effettività, lokalizzazzjoni, soluzzjonijiet kondiviżi, finanzjament prevedibbli u flessibbli, arranġamenti ta' koordinazzjoni aktar sempliċi, u responsabbiltà aħjar għall-popolazzjonijiet affettwati;

– Tnaqqas l-ostakli strutturali għall-finanzjament dirett tal-UE għall-atturi lokali inkluż id-diliġenza dovuta, l-eliġibbiltà, il-kostijiet tal-konformità, il-kwalità tas-sħubija għall-kondiviżjoni tar-riskju u l-parteċipazzjoni fid-djalogu ta' politika, u tintegra miri aktar ambizzjużi u sforzi ta' lokalizzazzjoni usa' f'evalwazzjonijiet futuri; Tikkunsidra li żżid aktar il-finanzjament b'mod dirett kemm jista' jkun għall-atturi lokali u nazzjonali lil hinn mill-punt ta' riferiment tal-2027 u li tinforma l-azzjonijiet wara dik id-data;

– Tidentifika għażliet biex jiżdied il-finanzjament umanitarju aktar flessibbli u prevedibbli, inkluż permezz ta' fondi kollettivi flimkien u tidħol fi sħubijiet ġodda mas-settur privat, fondazzjonijiet filantropiċi u istituzzjonijiet finanzjarji biex tisfrutta aħjar l-attivitajiet ta' dawk is-sħab f'ambjenti umanitarji;

– Telabora dwar proposti għal inizjattivi konkreti ta' Tim Ewropa biex tamplifika l-azzjoni umanitarja kollettiva tal-UE u tal-Istati Membri tagħha.